



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**



11690/12

(OR. en)

PRESSE 283
PR CO 42

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3180 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Ġenerali

Lussemburgu, 26 ta' Ġunju 2012

President

Is-Sur Nicolai WAMMEN

Ministru tal-Affarijiet Ewropej tad-Danimarka

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 9776 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

11690/12

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

*Il-Kunsill iddeċieda li **jiftaħ negozjati mal-Montenegro dwar l-adeżjoni** fid-29 ta' Ġunju 2012, soġġett għal approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew.*

*Huwa laħaq it-tieni approċċ ġenerali parzjali dwar aktar elementi tal-**pakkett legiſlattiv tal-politika ta' koeżjoni** għall-2014-2020.*

*Huwa kellu diskussjoni dwar verżjoni riveduta tal-kaxxa ta' negozjar għall-**qafas finanzjarju pluriennali** tal-UE għall-2014-2020.*

*Huwa ħejja l-laqqha tal-**Kunsill Ewropew** tat-28-29 ta' Ġunju abbażi tal-abbozz tal-konklużjonijiet. Taħt is-Semestru Ewropew, il-Kunsill approva l-abbozz ta' **rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż** u għaddiehom lill-Kunsill Ewropew għall-approvazzjoni.*

*Fil-marġini tal-Kunsill, saret **konferenza dwar l-adeżjoni mal-Islanda** fil-livell ministerjali u sar **Kunsill ta' assoċjazzjoni mat-Turkija**; iż-żewġ avvenimenti saru fi Brussell fit-22 ta' Ġunju.*

*Il-Kunsill adotta wkoll deċiżjoni li tapprova, f'isem l-UE, l-estensjoni tal-ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet tal-**Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp** biex tinkludi n-Nofsinar u l-Lvant tal-Mediterran.*

*Huwa adotta direttiva dwar il-kontroll ta' **perikli ta' inċidenti kbar** li jinvolvu **sustanzi perikolużi**.*

*Huwa approva abbozz ta' regolament dwar **trattati ta' investiment bilaterali** ma' pajjiżi terzi.*

*Huwa qabel dwar approċċ ġenerali għal abbozz ta' regolament dwar it-**takografu li jintuża fit-trasport bit-triq** bil-għan li l-frodi jsiru aktar diffiċli u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv billi jsir użu sħiħ minn teknoloġiji ġodda.*

WERREJ¹

PARTEĊIPANTI	5
---------------------------	----------

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Tkabbir - Montenegro	7
Politika ta' Koeżjoni - sessjoni pubblika	8
Qafas Finanzjarju Pluriennali - sessjoni pubblika	10
Tħejjija għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju	11

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

— BERŻ - L-estensjoni tal-operazzjonijiet għan-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran	13
— Ħruġ ta' muniti tal-euro	13
— Fondi ta' Kapital ta' Riskju u Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali	13

ĠUSTIZZJA U AFFARIJJIET INTERNI

— Ftehim UE-Turkija dwar ir-riammissjoni	14
— Karta tad-Drittijiet Fundamentali	15

POLITIKA TAL-KUMMERĊ

— Trattati bilaterali dwar l-investiment	15
— Miżuri ta' antidumping u antisussidji	15

¹

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

AFFARIJJIET ĠENERALI

–	Strateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku	16
–	Presidenza ta' ċerti gruppi ta' ħidma	16
–	Koeffiċjenti korrettivi għall-uffiċjali tal-UE li jgħixu fl-Estonja	17
–	Deċiżjoni li temenda l-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' transitu.....	17
–	Evalwazzjoni tal-aġenziji tal-UE	17

TRASPORT

–	Ir-regolament dwar it-takografu *	17
---	---	----

AMBJENT

–	Esportazzjoni u importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi	18
–	Il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi	18

AGRIKOLTURA

–	L-identifikazzjoni elettronika tal-annimali bovini u n-netwerks tad-databases tal-kompjuter -Rapport ta' progress.....	19
---	--	----

PARTEĊIPANTI

Belġju:

Is-Sur Didier REYNDERS

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin, il-Kummerċ Estern u l-Affarijiet Ewropej

Bulgarija:

Is-Sur Nikolaï MLADENOV

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Karel SCHWARZENBERG

L-Ewwel Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin

Danimarka:

Is-Sur Nicolai WAMMEN

Ministru tal-Affarijiet Ewropej

Ġermanja:

Is-Sur Michael LINK

Ministru tal-Istat fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għall-Ġermanja

Estonja:

Is-Sur Urmas PAET

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Irlanda:

Is-Sinjura Lucinda CREIGHTON

Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej (Dipartiment Taoiseach u tal-Affarijiet Barranin)

Greċja:

Is-Sur Dimitrios KOURKOULAS

Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Barranin

Spanja:

Is-Sur Íñigo MÉNDEZ DE VIGO Y MONTOJO

Segretarju tal-Istat għall-Unjoni Ewropea

Franza:

Is-Sur Bernard CAZENEUVE

Ministru tal-Affarijiet Ewropej

Italja:

Is-Sur Enzo MOAVERO MILANESI

Ministru tal-Affarijiet Ewropej

Ċipru:

Is-Sinjura Erato KOZAKOU-MARCOULLIS

Is-Sur Andreas MAVROYIANNIS

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Viċi Ministru għall-President tar-Repubblika ta' Ċipru għall-Affarijiet Ewropej

Latvja:

Is-Sur Edgars RINKĒVIČS

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Litwanja:

Is-Sur Vytautas LEŠKEVIČIUS

Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin

Lussemburgu:

Is-Sur Jean ASSELBORN

Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Affarijiet Barranin

Ungerija:

Is-Sinjura Enikő GYŐRY

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Malta:

Is-Sur Tonio BORG

Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin

Olanda:

Is-Sur Ben KNAPEN

Ministru tal-Affarijiet Ewropej u l-Kooperazzjoni Internazzjonali

Awstrija:

Is-Sur Wolfgang WALDNER

Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali tal-Affarijiet Ewropej u Internazzjonali

Polonja:

Is-Sur Piotr SERAFIN

Ministru tal-Affarijiet Ewropej

Portugall:

Is-Sur Miguel MORAIS LEITÃO

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, b'responsabbiltà għall-Affarijiet Ewropej

Rumanija:

Is-Sur Leonard ORBAN

Ministru tal-Affarijiet Ewropej

Slovenja:

Is-Sur Igor SENČAR

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Slovakkja:

Is-Sur Peter JAVORCÍK

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Finlandja:

Is-Sur Alexander STUBB

Ministru tal-Affarijiet Ewropej u l-Kummerċ Barrani

Svezja:

Is-Sinjura Birgitta OHLSSON

Ministru għall-Affarijiet tal-UE

Is-Sur Carl BILDT

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Renju Unit:

Is-Sur David LIDINGTON

Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Barranin u tal-Commonwealth

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Tkabbir - Montenegro

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill laqa' r-rapport reċenti tal-Kummissjoni dwar il-progress tal-Montenegro fl-implimentazzjoni tar-riformi, billi jiffoka b'mod partikolari fuq il-qasam tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, speċjalment il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.

Il-Kunsill approva l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-Montenegro kiseb il-grad meħtieġ ta' konformità mal-kriterji tas-sħubija, u b'mod partikolari mal-kriterji politiċi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen fl-1993, biex jibda n-negozjati għas-sħubija. F'dan ir-rigward, il-Kunsill issottolinja l-importanza partikolari li jagħti lill-qasam tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u heggegħ lill-Montenegro biex jindirizza l-kwistjonijiet ta' tħassib identifikati mill-Kummissjoni fir-rapport ta' progress l-aktar reċenti tagħha, speċjalment l-indipendenza tal-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u l-ħtieġa għall-Montenegro li jżid l-isforzi tiegħu sabiex jistabbilixxi rekord solidu ta' riżultati matul in-negozjati. Il-Kunsill jistieden lill-Europol biex jippreżenta rapport dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tal-kriminalità organizzata fil-Montenegro, u jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li dan il-kontribut jiġi kkunsidrat fir-rapporti li ġejjin tal-eżami analitiku.

F'dan id-dawl, l-Unjoni Ewropea ser tieħu kont tal-esperjenza miksuba min-negozjati tal-adeżjoni preċedenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapitoli ta' negozjar dwar il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u tal-ġusittzja, il-libertà u s-sigurtà. Ser jiġi applikat approċċ ġdid għaż-żewġ kapitoli, li ser jiġu ttrattati kmieni fin-negozjati biex jippermetti ż-żmien massimu għall-istabbiliment tal-leġislazzjoni neċessarja, l-istituzzjonijiet u rekord tajjeb ta' implimentazzjoni. Għandu jiġi żgurat ukoll bilanċ ġenerali fil-progress tan-negozjati fil-kapitoli kollha.

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni ġenerali tal-UE, inkluż il-qafas ta' negozjar, bil-ħsieb tal-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni mal-Montenegro.

Il-Kunsill iddeċieda, soġġett għall-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew, li n-negozjati ta' adeżjoni għandhom jinfetħu fid-29 ta' Ġunju 2012."

Politika ta' Koeżjoni - sessjoni pubblika

Il-Kunsill laħaq qbil dwar it-tieni approċċ ġenerali parzjali¹ rigward regoli ġodda għall-politika ta' koeżjoni tal-UE għall-perjodu 2014-2020 ([11027/12 REV 1](#) + [11027/12 ADD 5 REV 2](#)).

L-għan tal-politika ta' koeżjoni huwa li jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji tal-UE.

L-approċċ ġenerali parzjali li ġie maqbul illum jikkomplimenta l-approċċ ġenerali parzjali fuq sitt elementi pjuttost tekniċi² li ġew maqbula fl-24 ta' April ([8925/12](#)).

L-approċċ ġenerali parzjali l-aktar reċenti tal-Kunsill għandu l-għan li jtejjeb l-effiċjenza u l-effikaċja tan-nefqa għall-politika ta' koeżjoni billi jikkonċentra l-investimenti fuq għadd limitat ta' obbjettivi tematiċi u billi jsaħħaħ l-użu ta' strumenti finanzjarji u sħubiji pubbliċi-privati.

Ittieħdu miżuri biex jiżguraw li l-approċċ ġenerali parzjali ma jiġġudikax minn qabel ir-risultat tan-negożjati dwar elementi oħra tal-politika ta' koeżjoni jew dwar il-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE (MFF) għall-2014-2020 jew ir-regolament finanzjarju.

L-approċċ ġenerali parzjali jista' għalhekk ikun soġġett għal bidla bħala riżultat ta' dawn in-negożjati l-oħra.

L-approċċ ġenerali parzjali li ġie maqbul illum ikopri l-erba' gruppi tematiċi li ġejjin:

- Konċentrazzjoni tematika, kif jidher f'[11027/12 ADD 1 REV 1](#). Il-fondi huma kkonċentrat fuq għadd limitat ta' obbjettivi tematiċi, li jirriflett l-prijoritajiet tal-2020 tal-UE u b'kont meħud tal-livell ta' żvilupp tar-reġjuni differenti. L-ishma minimi tan-nefqa għall-politika ta' koeżjoni huma stabbiliti għall-impjiegi, l-inklużjoni soċjali u l-edukazzjoni.

¹ Approċċ ġenerali parzjali huwa ftehim politiku tal-Kunsill sakemm issir l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-ewwel qari mill-Parlament Ewropew. L-approċċ ġenerali dwar il-pakkett leġislattiv tal-politika ta' koeżjoni huwa parzjali peress li xi elementi huma esklużi, b'mod partikolari l-ammonti ddedikati għall-politika ta' koeżjoni u l-eliġibbiltà ta' reġjuni differenti.

² Ipprogrammar; kondizzjonalità ex ante; ġestjoni u kontroll; monitoraġġ u evalwazzjoni; eliġibbiltà; proġetti prinċipali.

- Strumenti finanzjarji, kif jidher f'[11027/12 ADD 2 REV 1](#). Il-ħames fondi koperti minn qafas strateġiku komuni (QSK)¹ jistgħu jintużaw biex jappoġġaw strumenti finanzjarji bħal self, garanziji, investimenti ta' ekwità jew strumenti oħrajn ta' kondivizzjoni tar-riskju sakemm dawn l-istrumenti jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi tas-suq.
- Operazzjonijiet li jiġġeneraw id-dħul nett u sħubiji pubbliċi-privati, kif jidher f'[11027/12 ADD 3 REV 1](#). Din il-parti tal-approċċ ġenerali parzjali tapplika għall-operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett wara li jitlestew bħal ma huma l-kostruzzjoni ta' infrastruttura (eż. toroq) li jiġu imposti tariffi għall-użu tagħhom. Il-Kunsill qabel li jnaqqas in-nefqa eliġibbli ta' proġett li għandu jiġi kofinanzjat mill-UE billi jittieħed kont tal-potenzjal tal-proġett li jiġġenera dħul nett. L-approċċ ġenerali parzjali jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-ħames fondi koperti mill-QSK għall-appoġġ ta' operazzjonijiet implimentati fi ħdan sħubija pubblika-privata.
- Qafas ta' prestazzjoni, kif jidher fid-dok. [11027/12 ADD 4 REV 1](#). Dan jinkludi dispożizzjonijiet li jistabbilixxu r-regoli dwar il-possibbiltà ta' sospensjoni u ta' kanċellazzjoni ta' fondi fil-każ ta' sottoimplimentazzjoni serja ta' ċerti miri.

Fir-rigward ta' jekk ir-rabta bejn l-istrateġija tal-UE għall-impjiegi u t-tkabbir u l-politika ta' koeżjoni għandhiex tiġi żgurata permezz ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, il-Presidenza Daniża ddeċidiet li tistenna kjarifika dwar il-kondizzjonalità makroekonomika fid-diskussjoni dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (MFF) 2014-2020.

Ser isiru aktar diskussjonijiet fil-livell tal-Kunsill fix-xhur li ġejjin taħt il-Presidenza Ċiprijotta bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali parzjali ieħor. Ir-regoli ġodda dwar il-politika ta' koeżjoni huma marbuta mill-qrib man-negozjati tal-MFF; huma mistennija li jiġu adottati biss mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill ladarba jintlaħaq ftehim dwar l-MFF.

¹ Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), Fond Soċjali Ewropew (FSE), Fond ta' Koeżjoni (CF), Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS).

Qafas Finanzjarju Pluriennali - sessjoni pubblika

Il-Kunsill iddiskuta l-qafas finanzjarju pluriennali (MFF) tal-UE għall-perijodu 2014-2020 abbażi ta' kaxxa ta' negozjar riveduta ([11539/12](#))¹. Id-diskussjoni kienet immirata għat-tħejjija tal-ewwel diskussjoni sostanzjali li l-Kunsill Ewropew ser ikollu dwar dan is-suġġett fil-laqgħa tiegħu tat-28-29 ta' Ġunju.

Il-ministri laqgħu il-ħidma mwettqa mill-Presidenza Daniża u l-progress li sar sa issa. Il-fehmiet varjaw dwar jekk il-kaxxa ta' negozjar għandhiex titqies bħala l-bażi jew bażi għal aktar ħidma.

Fir-rigward tal-emendi magħmula fil-kaxxa ta' negozjar fl-aħħar ftit ġimgħat is-suġġeriment tal-presidenza li jinżammu subintestaturi separati għall-"kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" u "koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" inlaqa' b'mod ġenerali. Iż-żidiet proposti dwar reġjuni magħmulin minn gżejjer (paragrafu 41) u l-kontribut tal-politika ta' koeżjoni għall-investment, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi (paragrafu 18) kienu appoġġati minn xi delegazzjonijiet. Oħrajn kienu kontra li tingħata kwalunkwe konsiderazzjoni speċjali għal reġjuni magħmulin minn gżejjer fil-metodu ta' allokazżjoni tal-fondi strutturali jew talbu referenza għall-kontribut li politiki oħrajn tal-UE, b'mod partikolari l-Politika Agrikola Komuni, qegħdin jagħmlu fir-rigward tat-tisħiħ tat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Is-suġġeriment tal-Presidenza li r-reattur termonukleari sperimentali internazzjonali (ITER) u l-Programm Ewropew għall-istabbiliment ta' kapaċità Ewropea għall-Osservazzjoni tad-Dinja (GMES) jiġi inkluż fil-MFF ġiet milqugħa minn xi Stati Membri iżda rrifjutat minn oħrajn.

Fir-rigward tal-elementi l-oħrajn tal-kaxxa ta' negozjar xi stati membri talbu li titneħħa l-hekk imsejħa xibka tas-sigurtà bil-maqlub, li tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-politika ta' koeżjoni għal ċertu penċentwal meta mqabbel mal-livell tiegħu matul il-perijodu 2007-2013. Madankollu, oħrajn saħqu dwar l-importanza ta' din id-dispożizzjoni u insistew li jżommuha fil-kaxxa ta' negozjar. Xi ministri lissnu dubji dwar l-hekk imsejħa kondizzjonalità makroekonomika (maħsuba biex tiżgura li l-effettività tan-nefqa tal-ħames fondi taħt il-Qafas Strateġiku Komuni² tintrifed minn politiki ekonomiċi sani) u esprimew biża' dwar il-possibbiltà ta' piena doppja, flimkien mar-regoli ta' governanza Ewropea. Madankollu, oħrajn insistew li jżommuha fit-test. Fir-rigward tal-PAK, xi delegazzjonijiet ikkunsidraw mhux ambizzjuża biżżejjed il-konverġenza proposta ta' għajnuniet diretti għal kull ettaru f'termini ta' portata u perijodu ta' żmien waqt li oħrajn sabuha wisq drastika.

¹ Il-kaxxa ta' negozjar hija dokument imfassal mill-presidenza li jiddeskrivi fil-qosor l-elementi prinċipali u l-opzjonijiet għan-negożjati tal-MFF. Hija tiġi aġġornata kontinwament mal-progress tan-negożjati u fl-aħħar mill-aħħar hija maħsuba bħala l-bażi għal ftehim fil-Kunsill Ewropew. Ladarba jintlaħaq ftehim, il-kontenut tagħha ser jikkontribwixxi għall-ħidma legiſlattiva dwar l-atti legali differenti.

² Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġionali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (CF), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS).

Xi ftit ministri biss ikkummentaw dwar in-naħa tad-dħul tal-kaxxa ta' negozjar. Xi wħud saħqu dwar il-ħtieġa għal riforma tas-sistema tar-riżorsi propji filwaqt li oħrajn ippreferew li jinżammu r-regoli attwali.

Il-presidenza Ċiprijotta li jmiss esprimiet l-intenzjoni tagħha li tuża l-ħidma tal-presidenza Daniża bħala punt ta' tluq għal diskussjoni futura.

Il-Kunsill Ewropew tat-28-29 ta' Ġunju huwa mistenni japprova l-konklużjonijiet proċedurali biex jiggrawidaw il-proċess ta' negozjar. Huwa ser jiddiskuti wkoll il-kwistjoni ta' kif l-MFF il-ġdid jista' jikkontribwixxi bl-aħjar mod għall-ħolqien tat-tkabbir.

L-għan huwa li jintlaħaq qbil qabel tmiem is-sena.

Għal aktar informazzjoni dwar in-negozjati tal-MFF, ara l-paġni web tal-Kunsill dwar l-MFF: <http://www.consilium.europa.eu/special-reports/mff>

Thejjiġa għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju

Il-Kunsill eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet għal-laqqgħa tal-Kunsill Ewropew li għandha ssir fit-28-29 ta' Ġunju, imhejjiġa mill-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mal-presidenza Daniża u l-Kummissjoni.

Il-Kunsill Ewropew ser jiffoka fuq:

- *Politika ekonomika*: konklużjoni tas-Semestru Ewropew 2012 (monitoraġġ annwali tal-politiki baġitarji u r-riformi strutturali), l-aġenda tal-UE għat-tkabbir (diskussa fil-laqqgħa informali tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Mejju), sħubijiet ta' kummerċ u investment ma' sħab internazzjonali;
- *Qafas finanzjarju pluriennali*: l-ewwel diskussjoni sostanzjali dwar l-MFF 2014-2020 (ara l-punt preċedenti);
- *Kwistjonijiet oħra*: tkabbir (il-ftuħ ta' negozjati dwar l-adeżjoni mal-Montenegro), progress f'dossiers relatati ma' fajls ta' ġustizzja u affarijiet interni, inkluża l-governanza ta' Schengen u l-asil, l-enerġija nukleari u l-politika estera.

Abbozz ta' aġenda annotata ġie diskuss mill-Kunsill fid-29 ta' Mejju ([9370/12](#)).

Bħala parti mis-Semestru Ewropew, il-Kunsill approva l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSR) u għaddiehom lill-Kunsill Ewropew għall-approvazzjoni. L-abbozz ta' CSR kienu ġew diskussi wkoll fl-EPSCO u l-ECOFIN.

Il-ministri kellhom ukoll skambju ta' fehmiet dwar rapport tal-President tal-Kunsill Ewropew dwar il-futur tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

PUNTI OĦRA APPROVATI

AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

BERŻ - L-estensjoni tal-operazzjonijiet għan-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova, f'isem l-UE, l-estensjoni tal-ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp biex jinkludi n-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran.

L-adozzjoni tad-deċiżjoni ssegwi l-qbil li nlaħaq mal-Parlament Ewropew, li kien approva t-test fit-13 ta' Ġunju fl-ewwel qari.

Il-BERŻ, li ġie stabbilit fl-1991, attwalment jappoġġa l-iżvilupp ekonomiku f'29 pajjiż fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u fl-Asja Ċentrali. L-estensjoni tal-operazzjonijiet tiegħu għan-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran, li ser tiġi ppromulgata minn emendi għall-ftehim li jistabbilixxi l-BERŻ, tirrifletti l-appoġġ mill-komunità internazzjonali għal transizzjoni fir-reġjun lejn ekonomiji tas-suq u soċjetajiet demokratiċi pluralistiċi.

Ħruġ ta' muniti tal-euro

Il-Kunsill adotta regolament li jintroduċi regoli vinkolanti għall-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni, kommemorazzjoni jew kollezzjoni. Ir-regolament jispeċifika li muniti maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom, fil-parti l-kbira tal-każijiet, jinħarġu fil-valur nominali tagħhom. Huwa jistabbilixxi wkoll il-kriterji għal muniti għall-kollezzjoni u jistipola li, inġenerali, l-Istati Membri jistgħu joħorġu biss żewġ muniti kommemorattivi fis-sena.

Fondi ta' Kapital ta' Riskju u Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali

Il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali¹ dwar l-abbozzi ta' regolamenti dwar il-Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju ([11761/12](#)) u l-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej ([11762/12](#)). Il-ftehim iwitti t-triq għall-kontinwazzjoni tan-negozjati mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb tal-adozzjoni rapida tagħhom.

¹ Approċċ ġenerali huwa ftehim dwar l-elementi essenzjali ta' att legali, sakemm tingħata l-opinjoni tal-Parlament Ewropew.

L-objettiv ġenerali tal-proposti huwa li jrawwem it-tkabbir tal-SMEs billi jtejjeb l-aċċess tagħhom għall-finanzi permezz tal-ħolqien ta' passaport għall-UE kollha għall-amministraturi ta' fondi ta' kapital ta' riskju (EuVECA) u fondi għall-intraprenditorija soċjali (EuSEF) relatati mat-tqegħid fis-suq tal-fondi tagħhom.

Il-proposti jintroduċu rekwiżiti uniformi għall-amministraturi ta' intrapriżi ta' investiment kollettiv li jridu joperaw taħt il-passaport għall-UE kollha. Huma jintroduċu rekwiżiti li jikkonċernaw il-portafoll tal-investment, it-tekniki ta' investiment u l-intrapriżi eliġibbli li fond li jikkwalifika jista' jimmira għalihom. Huma jintroduċu wkoll regoli uniformi dwar liema kategoriji ta' investituri jistgħu jiġu mmirati minn fond li jikkwalifika u dwar l-organizzazzjoni interna wżati mill-amministraturi li jikkummerċjalizzaw dawn il-fondi li jikkwalifikaw. Regoli sostantivi identiċi madwar l-UE ser jgħinu biex jinħolqu kundizzjonijiet indaqs għall-parteċipanti kollha fis-suq.

Il-Kummissjoni introduċiet abbozzi ta' regolamenti separati għall-EuVECA u l-EuSEF, peress li dawn iż-żewġ tipi ta' fondi jvarjaw fin-natura tagħhom. L-EuVECA normalment jiffokaw fuq il-forniment ta' finanzjament ta' ekwità għall-SMEs fil-fażi inizjali tan-negozju, filwaqt li l-EuSEF spiss ikollhom firxa akbar ta' għodod ta' investiment kwalifikanti disponibbli, bħall-finanzjament ikkombinat tas-settur pubbliku u privat, strumenti tad-dejn jew self żgħir.

Il-fondi ta' kapital ta' riskju jipprovdu prinċipalment finanzjament ta' ekwità lil kumpanniji li huma ġeneralment żgħar ħafna, fl-istadji inizjali tal-iżvilupp korporattiv tagħhom. Fl-UE, il-finanzjament tal-kapital ta' riskju għandu potenzjal għoli, iżda ġeneralment mhux sfruttat. L-SMEs sostnuti minn kapital ta' riskju jistgħu joħolqu impjiegi ta' kwalità għolja, peress li l-kapital ta' riskju jappoġġa l-ħolqien ta' negozji innovattivi.

Il-proposti ([18499/11](#) u [18491/11](#)) ġew ippreżentati f'Diċembru li għadda u huma parti mill-Att dwar is-Suq Uniku u l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għat-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs ([18619/11](#)).

ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI

Ftehim UE-Turkija dwar ir-riammissjoni

Il-Kunsill adotta deċiżjoni ([10676/12](#)) dwar l-iffirmar tal-ftehim UE-Turkija dwar ir-riammissjoni kif imniżżel fi 10693/12. Huwa ddeċieda wkoll li jibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-istess ftehim ([10697/12](#) u [10693/12](#)) lill-Parlament Ewropew għall-kunsens tiegħu wara l-iffirmar tal-Ftehim.

Fil-21 ta' Ġunju 2012, il-Kunsill adotta [konklużjonijiet](#) dwar l-iżvilupp ta' kooperazzjoni mat-Turkija fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni.

Karta tad-Drittijiet Fundamentali

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet ([10935/12](#)) dwar ir-rapport tal-2011 mill-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ([8905/12](#)), b'enfasi fuq l-importanza tal-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, kif ukoll l-Istati Membri, li jinforzaw kompletament il-Karta meta jimplimentaw il-liġi tal-UE.

POLITIKA TAL-KUMMERĊ

Trattati bilaterali dwar l-investment

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar abbozz ta' regolament dwar trattati bilaterali dwar l-investment ma' pajjiżi terzi, wara qbil li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew fid-29 ta' Mejju.

It-test maqbul ser jintbagħat lill-Parlament, li huwa mistenni jadottah fit-tieni qari mingħajr aktar emendi.

L-abbozz ta' regolament għandu l-għan li jiżgura transizzjoni bla xkiel mis-sistema attwali tat-trattati bilaterali dwar l-investment (BITs) bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi għal sistema fejn il-BITs tal-UE jiġu nneozjati mill-Kummissjoni.

Għad-dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa [11876/12](#).

Miżuri ta' antidumping u antisussidji

Il-Kunsill adotta r-Regolamenti li ġejjin:

- - Regolament li jemenda r-Regolament 102/2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, inter alia, miċ-Ċina kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati, inter alia, mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea sew jekk le ([10520/12](#));

- - Regolament li jemenda r-Regolament 917/2011 li jimponi dazju antidumping definitiv u biex jinġabar definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' madum taċ-ċeramika li joriġina miċ-Ċina, billi jżid kumpanija ma' lista ta' produttori miċ-Ċina elenkati fl-Anness I ([10523/12](#));
- - Regolament li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali li tikkonċerna l-miżuri kompensatorji dwar l-importazzjonijiet ta' ċertu tereftalat ta' polietilen (PET) li joriġina, inter alia, mill-Indja ([10528/12](#) + [COR 1](#));
- - Regolament li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali dwar il-miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat (PET) li joriġina mill-Indja ([10533/12](#));
- - Regolament li jimponi dazju definitiv ta' antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, ta' ħadid jew ta' azzar, li joriġinaw mir-Russja u l-Ukraina, wara reviżjoni ta' iskadenza skont ir-Regolament 1225/2009, u li jtemm il-proċediment ta' reviżjoni ta' iskadenza dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, ta' ħadid jew ta' azzar, li joriġinaw mill-Kroazja ([10895/12](#));
- - Regolament li jemenda r-Regolament 349/2012 li jimponi dazju definitiv antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu tartariku li joriġinaw miċ-Ċina ([11196/12](#)).

AFFARIJJIET ĠENERALI

Strateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar it-tlestija tar-reviżjoni ta' l-istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku kif jinsabu fi [10054/12](#) (+ [ADD 1](#) + [ADD 2](#)).

Presidenza ta' ċerti gruppi ta' ħidma

Il-Kunsill ħa nota tat-talba ta' Presidenza Ċiprijotta li jmiss li d-Danimarka tippresjedi ċerti gruppi ta' ħidma matul il-perijodu mit-30 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2012 ([11454/1/12 REV 1](#)).

Koeffiċjenti korrettivi għall-uffiċjali tal-UE li jgħixu fl-Estonja

Il-Kunsill adotta regolament li jaġġusta l-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea ([10944/12](#)). Ir-regolament għandu l-għan li jittieħed kont taż-żieda sostanzjali fl-għoli tal-ħajja fl-Estonja fil-perijodu minn Ġunju sa Diċembru 2011.

Deċiżjoni li temenda l-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' transitu

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt UE-EFTA dwar l-adozzjoni ta' Deċiżjoni li temenda l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' transitu fir-rigward tal-adeżjoni tal-Kroazja ([11170/12](#)) u tat-Turkija ([11169/12](#)) għall-Konvenzjoni.

Evalwazzjoni tal-aġenzji tal-UE

Il-Kunsill approva Dikjarazzjoni Konġunta u Approċċ Komuni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea dwar aġenzji deċentralizzati.

TRASPORT

Ir-regolament dwar it-takografu *

Il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali fir-rigward ta' regolament ġdid dwar it-takografu użat għat-trasport bit-triq ([11433/12](#)), b'soluzzjoni għall-kwistjoni tal-amalgamazzjoni proposta tal-liċenzja tas-sewqan mal-kard takografika tas-sewwieqa, li tħalliet miftuħa fl-approċċ ġenerali parzjali li ntlaħaq diġà f'Diċembru li għadda ([18148/11](#)).

L-approċċ ġenerali ma jinkludix il-proposta tal-Kummissjoni li jiġi inkorporat mikroċipp bil-funzjonalitajiet ta' kard tas-sewwieqa fil-liċenzja tas-sewqan għal xufiera professjonali, peress li l-maġġoranza tad-delegazzjonijiet għandhom dubji dwar jekk il-benefiċċji ta' tali amalgamazzjoni jiġġustifikawx l-ispejjeż li din tinvolvi.

L-għan tal-abbozz ġdid ta' leġislazzjoni, li ser jissostitwixxi r-regolament tal-1985 dwar it-takografi, huwa li jagħmilha aktar diffiċli biex issir frodi u li jnaqqas il-piż amministrattiv billi jsir użu sħiħ minn teknoloġiji ġodda u jiġi introdott għadd ta' miżuri regolatorji ġodda.

Għal aktar dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa [11592/12](#).

AMBJENT

Esportazzjoni u importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi

Il-Kunsill adotta Regolament ([PE-CONS 12/12](#)) dwar l-esportazzjoni u importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi. Ir-Regolament jissostitwixxi r-Regolament 689/2008, li jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC) għal ċerti sustanzi kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali.

Ir-Regolament il-ġdid għandu l-għan li jippromwovi responsabbiltà u kooperazzjoni kondiviża fil-livell internazzjonali sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent minn ħsara potenzjali u li jikkontribwixxi għall-użu ambjentalment san ta' sustanzi kimiċi perikolużi.

L-ambitu tar-Regolament mhuwiex limitat għas-sustanzi kimiċi li huma pprojbiti jew ristretti severament skont il-Konvenzjoni, iżda jkopri wkoll dawk is-sustanzi kimiċi fil-livell ta' l-UE. Barra minn hekk, ir-Regolament jiżgura li s-sustanzi kimiċi kollha jiġu ppakkjati u ttikkettati kif xieraq meta jiġu esportati.

Il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi

Il-Kunsill adotta Direttiva dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi ([PE-CONS 22/1/12 REV 1](#)). Id-Direttiva l-ġdida ser tissostitwixxi, sal-1 ta' Ġunju 2015, id-Direttiva Seveso II¹ attwali li tapplika għal madwar 10 000 stabbiliment fl-UE.

L-adozzjoni tad-Direttiva ssegwi l-qbil li nlaħaq mal-Parlament Ewropew, li approva t-test fl-ewwel qari fl-14 ta' Ġunju.

Għal aktar informazzjoni ara l-istqarrija għall-istampa [11889/12](#).

¹ ĠU L 010, 14.1.1997 (mhux disponibbli bil-Malti).

AGRIKOLTURA**L-identifikazzjoni elettronika tal-annimali bovini u n-networks tad-databases tal-kompjuter - Rapport ta' progress**

Il-Presidenza ppreżentat rapport li jissottolinja l-progress li sar l-ewwel nofs tal-2012 dwar iż-żewġ proposti ([10689/12](#)):

- - emenda għar-Regolament 1760/2000 dwar l-identifikazzjoni elettronika tal-annimali bovini u t-tneħħija tad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettjar volontarju taċ-ċanga;
- - emenda għad-Direttiva 64/432/KEE fir-rigward tad-databases tal-kompjuter li huma parti min-networks ta' sorveljanza fl-Istati Membri.

L-emendar tar-Regolament għandu żewġ objettivi ewlenin:

- - li jintroduċi identifikazzjoni elettronika (EID) bħala mezz uffiċjali ta' identifikazzjoni tal-annimali bovini fl-UE kollha fuq bażi volontarja għall-gwardjani tal-annimali.
- - li jħassar il-proċeduri amministrattivi speċifiċi meħtieġa għall-indikazzjoni ta' informazzjoni volontarja fuq it-tikketti taċ-ċanga u l-prodotti taċ-ċanga.

Id-Direttiva proposta taġġusta n-networks ta' sorveljanza attwali billi tintroduċi rekwiżit addizzjonali sabiex fid-database tal-kompjuter jiġi indikat it-tip ta' identifikatur elettroniku, jekk applikat għall-annimal.
